

# FESTI SOLENNI LI JSIRU FIL-PARROĊĊA TA' L-IMQABBA

**F'ĠIEH**

# SANTA MARIJA

## PATRUNA TAR-RAHAL

**30 TA' LULJU SAT-22 TA' AWISSU, 1966.**

**P R O G R A M M**

# FESTI FIL-KNISJA

**30 ta' Lulju —Ftuħ tal-Kwindiċina.**

Fis-6.15 p.m. Għasar solenni. Fis-7.00 p.m. Quddiesa, Kurunella, Antifona, Barka Sagramentali.

**7 ta' Awissu**

Fil-5.00 p.m. Għasar solenni, Prietka, Kurunella. Fis-6.00 p.m. Il-Kleru tal-parroċċa jitla' fejn il-Kappella tad-Duluri biex iniżżel l-Istatwa ta' S. Marija li għadha kemm ġiet restawrata. Malli tasal proċessjonalment il-Knisja, titkanta l-Antifona, u l-AVE MARIS STELLA u wara tingħata l-Barka Sagramentali.

**8 ta' Awissu**

Fil-5.30 p.m. L-Eċċ.za Tiegħu Mons. Em. Galea, D.D., Vig. Ġen., jagħmel il-Konsagrazzjoni tal-Artali l-ġodda. Wara din il-Funzjoni hu stess iqaddes.

**11 ta' Awissu — L-ewwel Jum tat-Tridu**

Fis-6.30 p.m. Għasar solenni, Prietka mill-W.R. Kan. J. Sladden, Kurunella, Innu, Antifona u Barka Sagramentali.

**12 ta' Awissu — It-Tieni Jum tat-Tridu**

Fis-6.00 a.m. Quddiesa Kantata solenni. Fis-6.30 p.m. Tibda l-Funzjoni ta' fil-għaxija. Kollox bħal Jum ta' qabel.

**13 ta' Awissu — It-Tielet Jum tat-Tridu**

Funzjonijiet u ħinijiet bħal tal-Jum ta' qabel.

**14 ta' Awissu — Lejlet il-Festa**

Fit-8.30 a.m. Quddiesa Kantata solenni. Kant tat-TE DEUM bħala konklużjoni tat-Tridu. Innu u Antifona. Fis-6.00 p.m. Translazzjoni solenni tar-Relikwija u Primi Vespri solenni bil-mużika. Kompieta u Barka Sagramentali.

**15 ta' Awissu — JUM IL-FESTA**

Fl-4.00 a.m. Quddiesa Parrokkjali. Fil-5.30 a.m. Matutin solenni. Fis-6.00 a.m. Quddiesa letta bi tqarbina ġenerali għal-Kbar. Fis-7.15 a.m. Quddiesa letta bi tqarbina ġenerali għat-Tfal. Fit-8.30 a.m. Kant ta' Terza u Quddiesa Kantata solenni bil-mużika. Wara l-Vanġelu l-Ill.mu u Rev.mu Mons. L. Zammit Lic.D., Penitenzier tal-Kattedral, jinseġ paniġirku ta' tifħir lil S. Marija Assunta. Fil-10,30 a.m. Quddiesa oħra letta.

Fil-5.00 p.m. Sekondi Vespri solenni, Kompieta, Proċessjoni bl-Istatwa artistika ta' S. Marija Assunta, Barka Sagramentali u bews tar-Relikwija. Il-funzjonijiet ta' lejlet u nhar il-Festa jkunu immexxija kollha mill-Ill.mu u Rev.mu Mons. Prof. Giuseppe Sapiano Ph.D., S.Th.D., H.E.L. Il-mużika tkun taħt it-tmexxija tas-Surmast Vincenzo Bugeja.

Ninqdew b'din l-okkażjoni biex inħeġġu lin-nies kollha tal-Parroċċa jidħlu fil-veru spirtu reliġjuż tal-Festa kif trid Ommna l-Knisja Mqaddsa billi speċjalment jersqu għall-Qrar u t-Tqarbin.

**22 ta' Awissu — Ottava fuq il-Festa**

Fis-6.30 p.m. Għasar, Repożizzjoni tar-Relikwija, TE DEUM, u Barka Sagramentali.

# TALBA QAWWIJA

**BIEX WIEHED JAQLA' MINN GHAND**

# MARIJA

**IL-GRAZZJA LI JIXTIEQ**

**(miktuba minn San Bernard)**

Ftakar, o Verġni Marija kollok ħniena, illi, kemm ilha wieqfa d-dinja, qatt ma nstama' li baqa' mnikket kull min fittex l-għajnuna tiegħek, kull min talbek b'fiduċja fil-hemm u s-slaleb tiegħu. Hawn jiena mmela, mimli b'tama kbira fil-ħniena tiegħek, o Omm u Verġni tal-verġni, quddiemek ninxteħet, Lilek ngħajjat u bħala msejken midneb nitlob l-għajnuna tiegħek. La tistmerx talbi, ja Omm il-Verb Inkarnat, iżda ismagħni kollok tieba u ħennini.

(300 jum Indulġenza kull darba u, taħt il-kondizzjonijiet tas-soltu, Indulġenza plenarja darba fix-xahar għal kull min jgħid din it-talba kuljum).

# FESTI TA' BARRA

**30 ta' Lulju**—Wara l-Funzjoni tal-Knisja, mixgħela tal-Faċċata tal-Knisja.

**7 ta' Awissu** — Fis-6.00 p.m. Tasal l-istatwa mirrestawr. Il-Banda King George V, iddoqq l-Innu lil Marija Assunta u wara twassal proċessjonalment l-Istatwa minn fejn il-Kappella tad-Duluri sal-Knisja parrokkjali. Wara dan il-Banda tagħmel marċijiet mat-toroq ewlenin tal-Imqabba u tesegwixxi programm fil-Pjazza tal-Knisja taħt id-direzzjoni tas-Surmast G. Martin A.Mus. L.C.M.

**13 ta' Awissu** — Wara l-Funzjoni tal-Knisja l-Banda King George V tagħmel marċijiet u ddoqq programm fil-Pjazza tal-Knisja. Mixgħela ġenerali.

**14 ta' Awissu - Lejlet il-Festa**

Fit-8.00 p.m. Mixgħela ġenerali tar-Raħal. Il-Banda "Queen Victoria' taż-Żurrieq u l-Banda "Paola" tar-Raħal Ġdid, wara li jferrħu t-toroq tal-Imqabba bil-marċijiet, jagħmlu programm fil-Pjazza tal-Knisja. Fl-10.00 p.m. Ħruq tal-Murtali tal-Kulur. Fil-11.00 p.m. Ħruq tal-Logħob tan-Nar.

**15 ta' Awissu — JUM IL-FESTA**

Fl-4.00 a.m Mixgħela Ġenerali. Fil-5.00 p.m. Il-Banda "Queen Victoria" u l-Banda "Paola" jagħmlu marċijiet u jdoqqu programm fil-Pjazza tal-Knisja parrokkjali. Meta l-Proċessjoni tasal ħdejn il-Każin King George V, il-Banda "Queen Victoria" iddoqq l-Innu lil S. Marija Assunta, miktub minn Patri J.M. Ghigo S.J. u mużikat mis-Surmast G. Martin. Ikantaw it-tenur A. Sapiano u l-Baritonu Joe Fenech flimkien ma' kor tax-xebbiet mill-parroċċa.

Waqt il-Proċessjoni jkun hemm sparar ta' bombi, ħruq ta' kaxxi infernali u murtali tal-kulur. Il-logħob tan-nar, il-murtali u l-kaxxi infernali huma kollha xogħol tad-dilettanti tas-Soċjeta' Santa Marija.

**SANTA MARIJA — ITLOB GĦALINA**

Lux Press